**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Leon Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 398/16**

**Illum, 25 ta' Lulju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Leon Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 4897M.

Akkuzat talli:

1. nhar i1-21 ta' Lulju 2016, ghal habta tal-10:45 ta'filghaxija, gewwa Triq Belt il-Hazna, Marsa, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament saq bil-mutur tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAB-324 ghal fuq il-persuna ta' Ans Ghodban u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skond ma iccertifika Dr. K. Abdalla M.D. (Reg. No. 3867) mill-Isptar Mater Dei, **u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll fil granet ta' qabel, saq vettura bil-mutur tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAB-324 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura, u dan **bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;**
3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u kif ukoll fil-granet ta' qabel, saq vettura bil-mutur tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta'

registrazzjoni EAB-324 minghajr ma kien kopert b'polza ta assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni, u dan **bi ksur tal-Artiklu 3 tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta' Malta**;

**4.** u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u kif ukoll fil-granet ta' qabel, saq vettura bil-mutur tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAB-324, a) bi traskuragni b) mod perikoluz u c) bla kont; u dan **bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65;**

**Akkuzat ukoll talli nhar l-14 ta' Lulju, 2016, bejn l-10.00 u il-11.30 ta' filghaxija gewwa dawn il-gzejjer Maltin:**

**5.** waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur u cioe' Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAB-324, naqas li f`kull waqt jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija Ezekuttiva fit-twettiq ta' dmirijithom, u dan **bi ksur tar-Regolament 124 ta' L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta**;

**6.** u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur u cioe' Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAB-324, ecceda l-limitu ta' velocita', **bi ksur tar-Regolament 127 ta' L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta**;

**7.** u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll fil-granet ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, **u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

8. u fl-ahharnett talli fid-dati u c-cirkostanzi kollha mesmmija kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D, nhar it-13 ta' Novembru, 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat it-talba talproseuzzjoni sabiex:

Bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza w cioe' ta' Ans Ghodban, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artiklu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna offiza u l-familja

tieghu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

F'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, joghgobha tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja ta' sewqan ghall-perjodu li l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Tordna il-konfiska ta' 'corpus delicti' u cioe' tal-vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAB-324, liema vettura intuzghat sabiex dan ir-reat jigi ikkunsmat, u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li d-difiza talbet li jithejja *Pre Sentening Report* izda li dan ma setax jithejja mill-ufficjal tal-Probation Sharlet Tabone Fabri stante illi l-imputat qatt ma ottempera ruhu mad-direttivi taghha u l-anqas qatt ma attenda l-appuntamenti li hija ripetutament ghamlitlu;

Rat illi ghalhekk l-imputat ma weriex l-ebda hegga sabiex jirribailita ruhhu kontra d-dipendenza tad-droga kif kien wera l-hsieb meta rregistra ammissjoni u ghalhekk dan ghandu jirrifletti fil-piena;

Rat illi din il-Qorti ghaldaqstant irrevokat l-inkarigu tal-ufficjal tal-Probation u dan anke bi qbil mal-avukat difensur li anke min-naha taghha ssottomettiet illi l-imputat qatt ma mar ikellimha;

Semghet il-partijiet li talbu li ser joqghodu fuq il-provi prodotti u li l-kawza tista' tmur ghas-sentenza; u

Rat illi l-imputat qatt ma rtira l-ammissjoni bikrija tieghu.

Illi l-Qorti trid tippremetti illi gialadarba ma ngabitx prova tat-tip ta' griehi gravi anke jekk gie kkwotat l-Artikolu 218 fuq l-akkuza u anke jekk ic-certifikat mediku juri li kienu griehi gravi, ser tigi applikata l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante din id-diskrepanza u stante li din il-piena hija l-aktar agevolanti ghall-imputat.

Illi l-Qorti trid tippremetti wkoll illi a rigward it-tmien (8) akkuza ma gietx esebita is-sentenza relattiva u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tuza l-poteri taghha imnizzla mill-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat **Leon Borg** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante ammissjoni hlief l-akkuza 8 stante li ma gietx ippruvata u ghall-ewwel (1) u s-seba' (7) akkuzi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal

sentejn, filwaqt li ghat-tieni (2) akkuza sas-sitt (6) akkuza tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) flimkien ma' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn (2) dekorribbli minn nofs il-lejl ta' ghada fil-ghodu.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qrati.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**